**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Frar, 2001

**Numru 20**

**Avviz. numru 973/00JR**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Brian Caruana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Lulju, 2000, fejn intalab il-hlas ta' disgha u hamsin lira Maltija disgha u erbghin centezmu (Lm59.49) rapprezentanti access ghall-uzu ta' "mobile telephone" u "airtime" ghall-istess uzu ghall-perijodu mil-20 ta' Awissu, 1998, sal-1 ta' Frar, 1999;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Jackie Scerri ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disgha u hamsin lira Maltija disgha u erbghin centezmu (Lm59.49), bl-imghaxijiet legali mil-21 ta' Lulju, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**